32005D0751

L 282/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 26.10.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ottubru 2005

li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossiers li tressqu għal eżaminazzjoni dettaljata bil-viżjoni ta' l-inklużjoni possibbli ta' l-ascorbic acid, tal-potassium iodide u tal-potassium thiocyanate fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4025)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/751/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju ta' l-1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 9/414/KEE tipprevedi l-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Tressaq dossier għas-sustanza attiva *ascorbic acid* mis-Citrex Nederland B.V lill-awtoritajiet ta' l-Olanda fl-14 ta' Settembru ta' l-2004 ma' applikazzjoni sabiex tinkiseb l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Tressaq dossier għas-sustanza attiva *potassium iodide* mill-Koppert Beheer B. V lill-awtoritajiet ta' l-Olanda fis-6 ta' Settembru ta' l-2004 ma' applikazzjoni sabiex tinkiseb l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Tressaq dossier għas-sustanza attiva *potassium thiocyanate* mill-Koppert Beheer B.V lill-awtoritajiet ta' l-Olanda fis-6 ta' Settembru ta' l-2004 ma' applikazzjoni sabiex tinkiseb l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet ta' l-Olanda indikaw lill-Kummissjoni li, minn eżaminazzjoni preliminarja, id-dossiers għas-sustanzi attivi kkonċernati deher li huma f'konfomità mal-kondizzjonijiet għad-*data* u għall-informazzjoni stipolati fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dossiers li tressqu jidhru wkoll li huma f'konformità mal-kondizzjonijiet għad-*data* u għall-informazzjoni stipolati fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata. Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 9/414/KEE, id-dossiers tressqu sussegwentement mill-applikanti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, u ġew riferuti lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) Permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi formalment ikkonfermat fuq livell Komunitarju li d-dossiers jitqiesu li fil-prinċipju huma f' konformità mal-kondizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, mal-kondizzjonijiet stipolati fl-Anness III mad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tippreġudika d-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant li jissottometti aktar *data* jew informazzjoni sabiex jiċċara ċerti punti fid-dossier.

(6) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimal,

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/25/KE (ĠU L 90, 8.4.2005, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossiers li jikkonċernaw s-sustanzi attivi identifikati fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, li ġew sottomessi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-viżjoni li tinkiseb l-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi fl-Anness I ma' dik id-Direttiva, għandhom jissodisfaw fil-prinċipju l-kondizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Anness II ma' dik id-Direttiva.

Id-dossiers jissodisfaw wkoll il-kondizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Anness III ma' dik id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, fid-dawl ta' l-użu intenzjonat.

Artikolu 2

L-Istati Membri rapporteur għandhom jsegwy l-eżaminazzjoni fil-fond tad-dossiers kkonċernati u għandhom jirrapportaw l-konklużjonijiet mill-eżaminazzjonijiet tagħhom flimkien ma' xi rakkomandazzjonijiet għall-inklużjoni jew le fl-Anness I mad-Direttiva 91/44/KEE tas-sustanza attiva kkonċernata u kull kondizzjoni relatata magħhom lill-Kummissjoni Ewropea malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn perjodu ta' sena mid-*data* tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Sustanzi attivi li huma kkonċernati minn din id-deċiżjoni

Nru	Isem Komuni, Numru ta' Identifikazzjoni CIPAC	Applikant	Data ta' l-applikazzjoni	Stat Membru Rapporteur
1	*Ascorbic acid* Nru CIPAC-774	Citrex Nederland B.V.	14.09.2004	NL
2	*Potassium iodide* Nru CIPAC-773	Koppert Beheer B.V.	06.09.2004	NL
3	*Potassium thiocynate* Nru CIPAC-772	Koppert Beheer B.V.	06.09.2004	NL